MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 367/2002/1

**Dr. Joseph A. Schembri L.L.D. bhala mandatarju specjali tal-assenti Gunilla u Kjell konjugi Sodervall**

**vs**

**Niki Casolani**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fit-3 ta' April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

1. Waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka *Renault* numru HAL 993 fix-Xatt tal-Gzira, fit-23 ta' Gunju, 1998, huwa laqat u tajjar lill-attrici Gunilla Sodervall.

2. B'risultat ta' dan l-incident, Gunilla Sodervall sofriet danni fizici u personali, u qed tbaghti minn debilita' permanenti u zewgha Kjell Sodervall sofra danni konsegwenzjali.

3. Dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tieghu.

4. Meta l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, kemm permezz ta' ittra legali, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali, huwa baqa' inadempjenti u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita' ghall-istess.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi dan l-incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuraggini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut.

2. tillikwida d-danni sofferti minn Gunilla u Kjell konjugi Sodervall, b'rizultat tal-incident relattiv, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, u

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma rispettiva hekk likwidata *in linea* ta' danni, skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mis-16 ta' Mejju, 2000 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tat-18 ta' Novembru, 1998 u tal-5 ta' Ottubru, 2000, dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut presentata kontestwalment mall-presenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *noe*, *in kwantu* huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti jew non-kuranza *da parti* ta’ Gunilla u Kjell konjugi Sodervall, mandanti ta’ l-attur *noe*, illi qasmu t-triq b’mod perikoluz, b’ghaggla u minghajr ma hadu l-prekawzjonijiet mehtiega, b’dan illi holqu emergenza subitanea li ghaliha l-eccipjenti ma kellux il-hin jirreagixxi b’hekk illi gie kkagunat l-incident *de quo*, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Mejju, 2003, li in forza tieghu hatret bhala perit mediku lil Dr. Anthony Galea Debono, bil-fakolta’ li, a spejjes tal-attur *nomine*, isiefer u jezamina lill-attrici u wara jirrelata dwar l-allegat percentagg ta’ disabilita’ taghha, liema rapport kellu jsir a spejjes provisorju tal-attur *nomine*;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku li gie ippresentat fit-12 ta’ Gunju, 2003, u minnu mahluf fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru, 2003;

Rat il-video esebit mill-konvenut fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Gunju, 1998, fix-Xatt ta' tas-Sliema. L-attrici Gunilla Sodervall, mara ta' nazzjonalita' Svediza, kienet hawn Malta ghal btala flimkien ma' zewgha Kjell, binha Erik, u habib ta' binha Johan Linder. Dak inhar din il-familja kienet bihsieba tmur gita sa Kemmuna mal-Captain Morgan Cruises. Il-minibus tat-tour mar ghalihom fil-lukanda u wassalhom sa tas-Sliema, hdejn il-Ferries, minn fejn kellha titlaq il-lanca li kienet se tehodhom sa Kemmuna. Il-minibus waqfet lit-turisti in-naha l-ohra tat-triq, jigifieri man-naha fejn hemm il-bini, b'mod li biex jitilghu fuq il-lanca kellhom jaqsmu t-triq *The Strand*. F'nofs din it-triq (li hi *two-lane* iz-zewg nahat) hemm *centre-strip* b'*bushes* li kienu medja ta' 1.3 metri gholja. L-erba' turisti *in kwistjoni* qasmu l-ewwel parti tat-triq bla problemi u waqfu jharsu fuq ic-*centre-strip*. Hemmhekk, harsu lejn ix-xellug u raw *bus* gejja *at a slow speed*; Kjell Sodervall u ibnu Erik ikalkulaw li kienu jilhqu jaqsmu sakemm tilhaqhom il-*bus*, u hekk ghamlu. L-attrici Gunilla Sodervall u Johann Linder iddecidew li jistennew li tghaddi l-*bus*. Wara li ghaddiet il-bus, huma harsu fuq ix-xellug, u raw li t-triq kienet libera. L-ewwel ma nizel minn fuq ic-*centre-strip* kien Johan Linder, bl-attrici tkun pass warajh. Meta Johan Linder kien metru gewwa t-tieni *lane* ta' din it-tieni parti tat-triq, sema' hoss qawwi ta' *brake*, dawwar rasu u ra lill-attrici Gunilla Sodervall fl-ajru; din kienet xi zewg metri warajh meta ntlaqtet bil-karozza tal-konvenut.

Fejn sehh l-incident, jigifieri minn fejn qasmu it-turisti *in kwistjoni*, illum hemm *zebra crossing* b'*pelican lights*; meta sehh l-incident, din iz-*zebra crossing* ma kienetx hemm. Kien hemm dak iz-zmien, u ghad hemm, *zebra crossing* ohra madwar hamsin metru 'l fuq u 'l isfel minn fejn sehh l-incident.

Il-konvenut, korraborat mix-xhud Juliette Cassar li kienet qed isuq vettura warajh, jghid li hu kien qed isuq f'*The Strand* bi *speed* baxx (hu jghid li kien qed isuq bi *speed* ta' 30 mill fis-siegha, waqt li x-xhud tghid li l-*speed* taghhom kien ta' madwar 30 kilometru fis-siegha, li jgib *speed* ta' madwar 20 mill fis-siegha), meta f'daqqa wahda qasam

ragel minn quddiemu; hu zamm il-*brake*, b'mod, *pero'*, li ma waqafx ghal-kollox, izda naqqas biss il-velocita'. Dan ir-ragel lahaq qasam, u l-konvenut kien se jkompli fi triqtu, meta, instantaneament, harget mara minn bejn il-*bushes*, u sabha ezatt ma' wiccu, b'mod li ma setax jevitha. Din il-mara laqtet il-kantuniera tal-lemin ta' quddiem tal-karozza tal-konvenut, waqghet ghal fuq il-*bonnet*, habtet mal-*windscreen* u waqghet mal-art. Ix-xhud Josette Cassar tikkonferma li l-konvenut, li kien qed isuq quddiema, kien qed isuq bil-mod, meta f'daqqa wahda naqqas l-*speed* f'daqqa ghax qasamlu ragel minn quddiemu, u hekk kif kien se jerga jibda jaqla (fis-sens li jitfaha *on a slow gear* biex jerga' jaqbad il-velocita'), qasmet mara minn quddiemu u laqatha. Hi tghid li l-konvenut kien lahaq saq xi zewg metri wara li waqaf minhabba r-ragel u laqat lill-attrici.

Dwar ir-responsabilita' ghall-incident, il-Qorti hasbet fit-tul fuq il-materja, u ssib li t-tort ghandu jigi mixhut fuq iz-zewg partijiet involuti fl-incident fi grad indaqs. Ghar-rigward tas-sewqan tal-konvenut, din il-Qorti ma tikkondividix l-allegazzjoni tieghu li hu kien qed isuq bi *speed* baxx. Fl-ewwel lok, jirrizulta mill-*sketch* li hejja l-Perit Richard Aquilina, espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti biex jassistih fl-investigazzjonijiet tieghu, li l-konvenut halla *brake-marks* ta' madwar 30 metri, li jindikaw velocita' ta' madwar 85 kilometri fis-siegha, li taht kull aspett huwa speed esagerat jekk mhux sfrenat, specjalment meta tqis li t-triq *in kwistjoni*, ghalkemm pjuttost twila, hija traffikuza hafna u uzata hafna anke min nies. Dan l-*speed* jikkosta b'mod allarmanti mal-*speed* indikat mill-konvenut u x-xhud, u jindikaw li dawn it-tnejn riedu *"jahbu"* l-vera velocita' li t-tnejn kienu ghaddejjin biha, forsi ghax kienu tard ghax-xoghol. Fit-tieni lok, il-griehi li garbet l-attrici kienu estensivi tant li kellha tieqaf mix-xoghol. Wara l-incident, fil-fatt, meta giet trasferita l-isptar, hija kienet fuq *"Glasgow Coma Scale"* ta' 7 (dak normali huwa ta' 15) u giet trasferita fl-*Intensive Care Unit* fejn damet ghal-kura intensiva ghall-erba' t'ijiem. Persuna li tintlaqat b'karozza misjuqa bi *speed* baxx hafna – u karozza li tkun qed taqla minn kwazi-*stop position*, kif jallega l-konvenut, ma tellghax *speed* qawwi fuq distanza ta' zewg metri – mhux

normali li jigrilha dawn it-tip ta' griehi. L-attrici, wiehed irid jiftakar, mad-daqqa ma waqetx mill-ewwel mal-art, izda giet mtajjra fl-ajru, u nizzlet fuq il-*windscreen* tal-vettura tal-konvenut li giet mfarka bid-daqqa; dan kollu huwa indikattiv ta' l-*speed* qawwi li bih kien qed isuq il-konvenut.

*Inoltre*, il-familja tal-attrici u l-guvni li kien maghha ghal-btala hawn Malta, jirrimarkaw li semghu hoss qawwi ta' *break* u raw lill-attrici mtajra fl-ajru. Ir-ragel tal-attrici stqarr li ra lill-martu *"high up about 3 meters in the air; she fell to the ground same distance away from the car that hit her"*. Kieku l-konvenut kien qed isuq bi *speed* baxx, kien jimbutta lill-attrici fl-art, mhux jgholiha 'l fuq, b'mod li din taqa' fuq il-*windscreen* tal-vettura tieghu u jixheta ftit metri 'l boghod mill-vettura.

Il-konvenut, fil-fehma tal-Qorti, kien allura qed isuq bi *speed* qawwi, u lanqas ma jidher li zamm *a proper look out* ghal dak li kien qed jigri madwaru. Fil-ktieb Gibbs, *"Trial of Motor Car Accident Cases"* Sezzjoni 54, jinghad li *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view … Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side – Mewhaus vs Bastian Insurance Limited"*. L-arbuxxelli li kienu fuq ic-*centre-strip* kienu, veru, ftit twal (metru u tlieta), *pero'*, ma kienux gholja daqs bniedem, u *driver* li jkun koncentrat fuq is-sewqan tieghu, u jkun qed isuq bi speed normali, kien jinduna bil-persuni bil-wieqfa fuq is-*centre-strip*, u jaghtihom id-debita attenzjoni minghajr ma jitfixkel fis-sewqan tieghu.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax tehles lill-attrici minn kull responsabbilita'. L-ewwel net, ghalkemm giet mitluba biex taqsam it-triq, kellha ssaqsi jekk kienx hemm *zebra-crossing* fil-vicinanzi. Jekk id-*driver* tal-*minibus* jew rapprezentant tat-*tour* qalhom biex jaqsmu ghall-faccata, ma kellhomx jaqsmu ghad-dritt, izda kellhom isaqsu jekk kienx hemm *zebra-crossing* fil-qrib, u kienu jigu infurmati li mhux wisq boghod kien hemm fil-fatt *zebra-crossing*. Veru li din ma kienetx vicin minn fejn l-attrici riedet

taqsam, izda *pedestrian* m'ghandux jistenna li jsib *zebra-crossing* kull ftit passi! Iz-*zebra-crossing* li kienet tezisti dak iz-zmien, ma kienetx daqshekk il-boghod li kienet se tkun ta' inkonvenjenza kbira kieku giet uzata.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Bongailas vs Mercieca"</u>, decisa fl-20 ta' Jannar, 1967, *"fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passagg tal-pedestrian, pedestrian li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies x'intruz; u fil-waqt illi l-pedestrian ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emergenza, min naha l-ohra d-drivers ta' karozzi, li huma magna ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' periklu jew dannu ghall-pedestrians li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq".* Minn dan it-taghlim, applikabbli ghal dan il-kaz, ghandu jirrizulta li fil-waqt li l-konvenut ma kienx qed isuq b'mod illi ma jkunx ta' periklu ghall-*pedestrians*, min naha l-ohra, l-attrici kienet, ftit jew wisq, qed tintrometti fil-*free flow of trffic* (peress li kien hemm *zebra-crossing* fl-inhawi) u lanqas ma jidher li hadet il-kura kollha mehtiega qabel ma qasmet it-triq. Fil-fatt, ghalkemm mix-xhieda ta' Johan Linder, jidher li din harset lejn ix-xellug qabel ma qasmet it-tieni parti tat-triq, jidher, fil-fehma tal-Qorti, li hi ma qasmitx bid-debita speditezza kif fil-fatt ghamel Johan Linder. Il-Qorti jidhrilha li l-attrici, wara li harset lejn ix-xellug u ma ratx karozzi, harset l-isfel biex tara fejn se tpoggi sieqha l-isfel mis-*centre-strip*, u imbaghad ghamlet xi zewg passi ohra 'l quddiem minghajr ma ivverifikat jekk, fil-frattemp ta' dawk il-ftit sekondi, lahqitx giet karozza. Persuna li trid taqsam it-triq, ma tridx thares fid-direzzjoni tal-karozzi biss qabel ma taqsam, imma ghandha tirrelata kontinwament mat-traffiku li jkun ghaddej fit-triq. Il-*Highway Code*, fil-fatt, jghid li waqt il-*pedestrian* ikun qed jaqsam triq dan ghandu *"Keep looking and listening for traffic while you cross, in case there is any traffic you did not see, or in case other traffic appears suddenly"*.

Hekk kif il-konvenut kellu jara lill-attrici fuq ic-*centre-strip*, hekk ukoll l-attrici kellha f'xi hin tara lill-konvenut. Minn

fejn sehh l-incident lejn ix-xellug hemm vizwali twila mhux hazin, u anke jekk il-konvenut kien gej bi *speed* qawwi, kieku baqghet thares lejn ix-xellug, kienet f'xi hin tarah gej fid-direzzjoni taghha, u jew thaffef il-pass jew tersaq lura. Jista' jkun ukoll, u probabbli hekk gara, li l-attrici ma harsetx *at right angels* lejn ix-xellug taghha. Hi rat il-*bus* gejja mix-xellug fuq il-*lane* ta' gewwa (tan-naha tal-bahar), u meta din ghaddiet u rat li ma kien gej xejn minn warajha, hasbet li setghet taqsam, u ma qiesetx sew kienux gejjin vetturi mil-*lane* aktar qrib ic-*centre-strip*, ezami li kien jehtiegilha d-dawwar sew rasha lejn ix-xellug. Kif intqal fil-kawza ingliza "Beach et vs Setzkorn" 1928 C.P.D. 500 *at* 503 – *"A pedestrian who wishes to cross a street which is being used by motor-cars must in my opinion use his senses to ascertain whether a motor car is approaching. If he steps into a street without looking, he is in my opinion negligent, because it is as much his duty to take care to avoid being injured as it is that of the driver of the motor-car to avoid running him over. If he steps straight into the path of an oncoming car which he would have seen if he kept a proper look-out, then he is himself to blame if he is run over"* (*sottolinear* ta' din il-Qorti) (ara wkoll "Razzewi vs Mifsud Bonnici", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004, fejn intqal a propositu illi:

*"ghalkemm huwa minnu li t-triq qeghda hemm ghal kull hadd u cioe' kemm vetturi kif ukoll pedestrians, bhala regola generali l-bankina hija riservata ghall-pedestrians waqt li l-karreggata hija intiza ghall-uzu tal-vetturi. Isegwi li meta l-attur invada dik il-parti riservata ghat-tragitt tal-karozzi, kien mistenni minnu li jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega qabel ma jittanata jaqsam".*

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li, ghall-incident *in kwistjoni*, jahtu z-zewg partijiet fi grad ta' nofs kull wiehed.

Ghar-rigward tad-danni, din il-Qorti sejra s-segwi s-sistema tal-*multiplier*, soltu uzata mil-Qrati taghna, li, fil-figura, trid tiehu konjizzjoni tal-*"contingencies of life"* (ara, ghal-esposizzjoni tal-*multiplier*, is-sentenza ta' din il-Qorti

fl-ismijiet "Xuereb vs Spolding", decisa fl-10 ta' Lulju, 2003).

L-attrici kellha 48 sena meta sehh l-incident, u kienet mara attiva u b'sahhita; kien mistenni li hi tirtira ta' 65 sena. Mehud kont li hi kellha quddiemha 17-il sena ohra ta' hidma, izda mehud *in konsiderazzjoni* ic-*chances and changes of life"*, u li hi setghet tirtira ta' 61 sena, din il-Qorti tqies li bhala *multiplier* ghandha tadotta l-figura ta' 14. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza imsemmija "Xuereb vs Spolding", ghalkemm fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux semplicement kongetturali, *"huwa minnu li l-ezercizzju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpens jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwa sew ghalhiex wiehed irid jipprova jaqta' x'sejjer jigri jew x'jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjieni".* Fil-fatt, kif jinghad fil-ktieb ta' Peter Cane, *"Atiyah's Accidents, Compensation and the Law"*, *"the multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases".*

Ghar-rigward id-dhul tal-attrici, din kellha *income* ta' 18,745 *Swedish kronas* fix-xahar, jew 224,9405 kr fis-sena. Dan is-salarju hu mistenni li joghla bejn 4% u 6% kull sena, li jgib *average*, ghal-tul il-perjodu tal-*multiplier*, ghal-zieda ta' 13,500 skr.

Il-Qorti, ghalhekk, se tahdem fuq il-paga annwali ta' 238,440 *Swedish kronas.*

L-attrici, skond l-espert mediku mahtur minn din il-Qorti, tbati minn dizabilita' permanenti ta' 35%.

B'hekk, bis-sistema tal-*multiplier*, il-kumpens dovut lill-attrici, ghandu jkun ta' 238,440 x 14 x 35%, u *cioe'*, 1,168,356 *Swedish kronas.*

Peress li l-incident sehh fl-1998, din il-Qorti se taghmel deduzzjoni ghal-*lump sum payment* ta' 6%; b'hekk, il-kumpens huwa ta' 1,098,255skr. Peress li l-konvenut

huwa responsabbli fi grad ta' nofs, huwa ghandu jhallas nofs dan l-ammont, u *cioe'*, 549,127.35skr, ekwivalenti ghal Lm25,541.

Ghandu jinghad li, fil-kalkolazzjoni tal-kumpens, is-salarju jittiehed gross, u m'ghandu jsir ebda tnaqqis la ghat-taxxa (ara “Muscat vs Schembri”, decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972, u “Borg vs Abela”, decisa minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 1980), u lanqas m'ghandha ssir deduzzjoni ta' PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, decisa minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' *in parte* it-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli fi grad ta' nofs ghall-incident *in kwistjoni* li fih soffriet griehi permanenti l-attrici Gunilla Sodervall, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm25,540 (hamsa u ghoxrin elf, hames mija u erbghin lira Maltija) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet (hlief ghall-ispejjes ghas-safra *per se* tal-perit mediku li jibqghu *a kura* tal-attur *nomine*).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------